Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 101 / 2018**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Azzopardi**

Illum, 30 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 570181 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' Ottubru 2017 f' dawn il-gzejjer Maltin b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

Naqas li jaghti lil Lourdes Bianchi, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u/jew martek, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti wara

li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li semghet il-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat, fuq ammissjoni , il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imptat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Azzopardi minnu pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2018 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tieghu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b' mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b' piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

**A. <u>Dwar il-Possibilita' tal-esponenti li jhallas il-manteniment</u>**

Illi primarjament ghandu jigi rilevat illi permezz ta' digriet ta' nhar il-11 ta' Settembru, 2017 tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ppreseduta mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro, l-esponenti gie ordnat jibda jhallas €530 fix-xahar, liema somma tikkomprendi nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri Leon u Yan ahwa Azzopardi.

Madanakollu ghandu jigi nnuttat illi l-esponenti, nhar l-1 ta' Settembru, 2018, sforz ugigh kbir illi hass f' darhu, ugigh illi jibqa' niezel sa siequ x-xellugija, gie riferut ghall-isptar Mater Dei sabiex isiru aktar testijiet mid-Dipartiment tal-Ortopedija. Konsegwentament l-esponenti nhar l-1 ta' Settembru, 2018 wara li dahal fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei, gie mizmum ghal aktar osservazzjonijiet u testijiet necessarji sal-4 ta' Settembru, 2017.

Sussegwentament mar-rilaxx tieghu minn Dr Thomas Aquilina, l-esponenti nghata l-parir illi jekk tali ugigh jiggrava huwa kellu jerga' jidhol l-isptar ghall-aktar testijiet. Ghal kull buon fini, kemm l-ittra ta' riferriment kif ukoll l-ittra ta' rilaxx qeghdin jigu hawn mehmuza u mmarkati kollettivament bhala Dok JA1.

Tali kundizzjoni medika baqghet tippersisti tant hu hekk illi l-esponent wasal f' punt fejn ma setax jibqa' jattendi ghax-xoghol. B' rizultat ta' dan nhar il-15 ta' Settembru, 2017 gie tterminat l-impjieg illi l-appellant kellu mal-kumpanija AV Services bhala Courier Operation fuq bazi *full-time*, formula tat-tmiem ta' impjieg hawn annessa u markata bhala Dok JA 2.

Il-kundizzjoni medika tal-esponenti baqghet sejra ghall-aghar u ghal darb' ohra kellu jiddahhal ghall-kura gewwa l-isptar Mater Dei; fejn mar-rilaxx tieghu ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2017 gie ccertifikat illi kien qieghed ibati mill-kundizzjoni ta' ' *Sciatica*' u nghata l-parir sabiex jibqa' jistrieh id-dar. L-ittra ta' rilaxx qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok JA3.

Ghalkemm l-ispecjalista ortopediku kuranti tal-esponenti, Mr. Alec Sultana, primarjament iccertifika illi l-esponenti kien prekluz milli jahdem ghal tal-inqas sitt (6) gimghat (kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok JA 4), minkejja it-trapass ta' dawn il-gimghat, il-kundizzjoni medika li jinsab fiha l-esponenti baqghet tiggrava.

Tant hu hekk illi nhar il-15 ta' Jannar, 2018, l-istess specjalista ortopediku Mr. Alec Sultana rega' ezamina lill-esponenti u kkonkluda illi l-appellant ghandu bzonn operazzjoni sabix tali ugigh jonqos. Tant hu hekk illi fuq l-istess certifikat ta' Mr Alec Sultana, il-konsulent jinnota illi l-esponenti huwa prekluz milli jahdem u ser jibqa' hekk prekluz sa sitt gimghat wara l-operazzjoni. Liema certifikat mediku qed jigi anness u mmarkat bhala Dok JA 5.

A bazi tas-su espost, l-esponenti bir-rispett jissottometti illi fix-xahar mertu tal-proceduri odjerni huwa:

1. Intlaqat minn problem medici serju;

2. Tali problem medici wasslu ghat-terminazzjon ital-impjieg illi l-esponenti kellu mal-kumpanija Av Services;

3. Tali terminazzjoni la kienet wahda volontarja u wisq anqas kapriccjuza;

4. Konsegwentament l-appellanti sab ruhu rinfaccjat b' cirkostanzi li ma kellu l-ebda kontroll fuqhom;

5. Kemm fiz-zmien mertu tal-kaz *de quo* kif ukoll sal-gurnata tal-lum, l-appellant ghadu ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba s-sahha tieghu u n-nuqqas ta' introjtu finazjarju; tant hu hekk illi hafna drabi kemm ghall-medicini kif ukoll ghall-konsulenzi medici privati jkollu jaghmel tajjeb ghalih missieru;

6. Illi prova tas-su espost tinsab fid-dokumenti annessi ma' dan l-umli appell.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet su esposti jemergi bic-car illi fiz-zmien *de quo* kien impossibbli ghall-esponenti li jivversa €530 manteniment ghal uliedu, u dan stante li fiz-zmien in kwsitjoni huwa ma kellu l-ebda forma ta' introjtu finanzjarju.

Sussegwentament l-esponenti sforz il-qaghda finanzjarja prekarja illi spicca fiha, applika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali sabiex jibda' jircievi xi forma ghall-beneficcju tal-Mard, liema applikazzjoni giet accetata u kif jindikaw ir-ricevuti annessi ma' dan l-umli appell u kollettivament immarkati bhala Dok JA6, l-esponenti beda jircievi l-ammont ta' €66.40 fil-gimgha bhala beneficcju tal-mard.

*In oltre* ghandu jingieb ghall-konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti il-fatt illi qabel mal-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha u cioe qabel is-26 ta' Frar, 2018, l-esponeti kien gia beda l-proceduri opportuni quddiem il-Qorti tal-familja sabiex l-obbligu tieghu li jmanti lil uliedu Leon u Yan Azzopardi jigi sospiz sakemm l-esponenti jerga' jirkupra sahtu u jkun f' sitwazzjoni li jerga' jibda jahdem u jaqla paga sufficjenti.

L-esponenti bir-rispett jissottometti illi fid-dawl tal-fatti odjerni b' umilta huwa qieghed iqajjem id-difiza tal-impossibilta tal-ezekuzzjoni tad-digriet tal-Qorti tal-

familja supra riferit. Fl-umli fehma tal-appellanti, l-principju legali *' ad Impossibilia Nemo Tenetur'* ghandu japplika fil-kaz odjern. Minkejja l-fatt illi d-digriet tal-Qorti tal-Familja kien ghadu mhux varjat, il-fatt illi l-appellant spicca f' sitwazzjoni b' ta' fuqu senduqu u ossia impossibbli li jħallas tali manteniment, jaghmel l-ezekuzzjoni tad-digriet impossibli.

Din il-massima legali hija spjegata cara u tonda fid-dritt Taljan. Fil-fatt l-artikolu 1256 tal-Kodici Civili Taljan jistipula:

*"L' obbligazione si estingue quando, per una causa non imputabile al debitore, la prestazione diventa impossibile (1218, 1463 e seguenti).*

*Se l' impossibilità è solo temporanea, il debitore, finché essa perdura, non è responsabile del ritardo nell' adempimento. Tuttavia l' obbligazione si estingue se l' impossibilità perdura fino a quando, in relazione al titolo dell' obbligazione o alla natura dell' oggetto, il debitore non può più essere ritenuto obbligato a eseguire la prestazione ovvero il creditore non ha più interesse a conseguirla."*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **' Ruiz-Mateos v Spain'** deciza nhar it-23 ta' Gunju, 1993 ddecidiet illi:

**"The logic of the law is the logic of reason, and it is not reasonable to demand what is absurd or impossible. ' Ad impossibilia nemo tenetur,' is a principle generally recognised."**

Jigi mfakkar dak li ddecidiet dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Gaetano Micallef'** [1] deciza nhar it-12 ta' Marzu, 2009:

**"Illi jidher manifest illi mill-ammont ta' cirka €200 li qed jircievi l-appellant fix-xahar zgur li ma jistax ihallas ilmanteniment ta' LM150 ekwivalenti ghal €349.65 fix-xahar ghax lanqas ma jircievi daqshekk beneficcju socjali, ahseb u ara kemm**

[1] Per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**jista' jhallsu ghall-manteniment tat-tfal. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant illi huwa mhux qieghed f' posizzjoni li jhallas il-manteniment ordnat lilu mill-Qorti jidher ben fondat ghaliex *nemo ad impossibilia tenetur*.**

**Konsegwentement tara li l-appell tieghu ghandu jigi milqugh u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena."**

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti bir-ragun jistaqsi:

1. Jekk f' sitwazzjonijiet simili ghal tieghu, il-Qorti fehmet li ma jkunx legalment u ragjonevolment gust li ssib lill-imputat hati wara li kkunsidrat illi l-manteniment ma setgha qatt jithallas stante li l-imputat ma kellux tali introjtu finanzjarju, ghalfejn fil-kaz tieghu le?
2. Huwa x' ghandu differenti minn Micallef supra riferit?
3. Kif l-Ewwel Onorabbbli Qorti setghet qatt issibu hati li ma hallasx manteniment meta jidher bic-car illi huwa impossibbli ghalih illi jhallas tali pagament u sahansitra beda l-proceduri opportuni quddiem il-Qorti tal-familja sabiex tali obbligu jigi sospiz?

Ghaldaqstant l-appellant jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti, fid-dawl tal-fatti tal-kaz *de quo* kellha tikkunsidra l-principju legali *' nemo tenetur ad impossibilia'* u konsegwentament ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tieghu.

**B. <u>Dwar il-Piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament.

Illi fil-kaz odjern l-esponenti bir-rispett jissottometti illi huwa dejjem ghamel hiltu kollha sabiex ihallas il-manteniment dovut fil-hin minghajr ebda problemi, u dan sabiex jizgura l-ahjar interessi ta' uliedu

Ghandu jigi mfakkar illi mix-xhur mertu tal-kawza odjerna ' il quddiem l-esponenti ghadda minn zmien ikrah ferm f' hatju, fejn spicca jbati minn kundizzjoni medika li biddlitlu hajtu ta' taht fuq, tant hu hekk illi spicca tilef l-impjieg tieghu li permezz tieghu kien jghajjex lilu u liz-zewg uliedu. Kundizzjoni medika li ghadha prezenti sal-gurnata tal-lum u li attwalment ghadha tippreskludi lill-esponenti milli jahdem. Fil-fatt l-esponenti ma ghandu l-ebda alternattiva hlief li jistrieh kompletament fuq il-beneficcji tas-Sigurta' Socjali u dak li jipprovdilu missieru sabiex ikopri l-htigiet medici tieghu.

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Publius Said'** [2] fejn il-Qorti rriteniet:

*"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*

Fil-kaz odjern jirrizulta bic-car illi l-appellant dejjem ghamel mill-ahjar li setgha sabiex jonora tali obbligu, madanakollu meta l-esponenti tilef l-impjieg tieghu minhabba ragunijiet medici, sar impossibbli ghall-appellant illi jibqa jaghmel tali pagament.

Jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss l-appellant jispicca inkarcerat, il-parti leza ser tigi pprivata milli tircievi l-manteniment u ghalhekk l-iskop originali ta' din id-disposizzjoni legali ma jkunx qieghed jintlahaq.

[2] Deciza nhar il-25 ta' Settembru, 2003 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi'** nhar is-26 ta' Settembru, 2011, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[3] gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il- ' Pulizija vs. Publius Said' , ' il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezrnu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f' hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.'

*Di piu'* , ghandha ssir referenza ghas-sentenza **' Il-Pulizija vs. Jonathan Attard'** datata 26 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti tal-Appell[4] iddecidiet illi "ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja, madanakollu minhabba illi l-appellanti qieghed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellanti jispicca inkarcerat, u ghalhekk minghajr introjtu, l-parti leza ser tigi ipprivata milli tircevi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f' dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-23 ta Mejju 2019 minn Dr. Yanika Camilleri li l-appellant hallas dak kollu dovut lil Lourdes Biachi

[3] Per Onor. Imhallef D. Scicluna
[4] Per Onor. Imhallef E. Grima

Rat dak li kkonfermat Lourdes Bianchi seduta statne li hija ma ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-appellant

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u dan fis-sedut tas-26 ta' Frar 2018 abbazi ta' din l-ammissjoni l-ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabet lill-appellant hati u kkundannatu xahar detensjoni.

Illi in segwitu l-appellant interpona umli appell fejn *inter alia* hass li l-piena moghtija mil-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u ghalhekk talab ir-revoka tas-sentenza appellata kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-htija.

Illi in vista tal-ammissjoni tal-appellant kif registrata fl-atti liema ammissjoni ma gietx irtirata u lanqas giet attakkata din il-Qorti m ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-appellant hati tal-akkuza.

Illi pero dwar l-aggravju tal-piena li hi eccessiva jinghad li hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha (diversament preseduta) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>**[5]:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġġi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

[5] moghtija fis-26 ta Mejju 2004

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali deciz minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fi-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci</u>**[6], "mhux normali Ii din il-Qorti tal- Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri) . "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**[7]" [26.2.2009] :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard</u>**[8]")"

Illi fil-kaz odjem tal-appellant Joseph Azzopardi, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm eccessiva fic-cirkostanzi, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis l-kontravenzjoni bħala reat kontinwat.

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci</u>**, u fil-kaz ta' "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**", jirriżulta Ii fil-mori tal-appell, I-appellant għamel dak kollu possibbli biex hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u għalhekk ser tkun proprju seħħet "*ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti*", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

Dan qed jinghad ghaliex kif stqarret Lourdes Bianchi illum il-gurnata hija ma ghandha l-ebda pretensoni kontra l-appellant u thalset ghas-saldu.

[6] Mghoti fis-26 ta Marzu, 2009
[7] Deciz nhar is-26 ta' Frar,2009.
[8] Deciz nhar l-20 ta Marzu 2009 mill App. Krim. Superjuri

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza tal-26 ta' Frar 2018 billi waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati u qed thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn kien ikkundannat għal xahar detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas amenda ta' €50.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur